MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 48/2012

**AB u**
**E T**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-atturi ippremettew:

1. Illi fit-18 ta' Settembru 2011 twieled it-tifel X B u gie registrat fuq isem il-konvenut u dan stante illi l-partijiet ma kienux legalment separati;
2. Illi fil-fatt il-missier bijologiku tal-minuri huwa l-attur E T;
3. Illi l-konvenut naqas illi huwa jaghmel l-azzjoni ghad-denegata paternita' fiz-zmien moghti mil-ligi allavolja kien jaf illi dan huwa bhala fatt;

4. Illi l-atturi ghalhekk kellhom jaghmlu din il-kawza biex tigi stabbilita d-dixxendenza bijologika u illi konsegwentement l-istess minuri jiehu l-kunjom tal-missier u cioe' T;

5. Illi A B qed tikkonferma wkoll illi hija ghal zmien twil qabel it-twelid tat-tarbija kienet qatghet kull relazzjoni intima mal-konvenut u ilhom fl-fatt separati de facto ghal erba' snin. Ghalhekk hija certa illi t-tarbija m'hijiex tieghu;

Kawzali

1. Illi l-konvenut mhux missier il-minuri X B li twieled fit-18 ta' Settembru 2011 u skont ic-certifikat registrat illi huwa iben C Risott u A B meta fil-fatt l-istess minuri huwa iben A Risott u l-attur E T;

Talbu li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-minuri X B li twieled fit-18 ta' Settembru 2011 minn A B u registrat fuq ismu, mhux fil-fatt iben l-istess konvenut imma l-missier naturali tal-istess huwa E T l-attur;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat in-nota ta' l-konvenut tal-20 ta' Gunju 2012, li permezz taghha iddikjara illi huwa jaqbel illi l-minuri X B li twieled fit-18 ta' Settembru 2011 minn A B u registrat fuq ismu mhuwiex fil-fatt ibnu;

Illi huwa ma ghandux ibati spejjez ta' din il-kawza;

Rat li l-verbal tas-seduta tas-17 ta' Ottubru 2012 li permezz tieghu l-partijiet kollha fil-kawza qablu illi ma kien hemm l-ebda htiega illi jsiru l-ezamijiet xjentifici tad-D.N.A. f'dan il-kaz;

Rat in-nota tal-attur E T tat-22 ta' Ottubru 2012;

Semghet lix-xhieda illi gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi illi tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ghandha quddiemha kawza da parti tal-atturi illi permezz taghha jikkontendu li ghalkemm il-minuri X B twieled fi zmien meta l-attrici u l-intimat C B kienu ghadhom mhux legalment separati, u ghalhekk, gie mnizzel fic-certifikat tat-twelid tieghu li huwa l-wild naturali tal-intimat C B, fil-fatt, l-istess minuri huwa l-wild naturali tal-attur u ghalhekk l-atturi talbu lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-minuri X B mhux iben l-intimat C B imma iben l-attur E T.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz</u>**

Il-Qorti tirrileva li l-minuri X B twieled nhar it-18 ta' Settembru 2011 u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tieghu esebit a fol. 3 tal-process. *Stante* li fiz-zmien tat-twelid tal-istess minuri, l-attrici A B u l-intimat C B kienu ghadhom mhux legalment separati u stante l-presunzjoni legali relatata mal-mizzewgin, l-intimat C B gie mnizzel bhala l-missier tal-imsemmija tarbija. Dan necessarjament ifisser li l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ma kellu ebda alternattiva hlief li jnizzel lil dan il-minuri bhala l-wild naturali tal-attrici u tal-intimat C B.

Illi l-intimat C B min-nahha tieghu jikkonferma wkoll li l-minuri m'huwiex il-wild tieghu u fix-xhieda tieghu ta' nhar is-17 ta' Ottubru 2012 jiddikjara li kien ilu ma jkun intimu ma` martu ghal madwar erba' snin.

Illi l-attrici, fix-xhieda taghha tikkonferma li ma hemmx possibilita` li tali minuri huwa l-wild naturali tal-intimat C B imma huwa l-wild tal-attur E T. L-attrici tikkonferma wkoll li fiz-zmien relattiv hija kellha relazzjonijiet biss mal-attur u zzid tghid li kienet ilha separata de facto minn mal-intimat ghal madwar erba` snin.

Illi l-attur E T wkoll jikkonferma li huwa cert li l-minuri X huwa l-wild naturali tieghu u jghid li m'ghandu ebda dubju dwar dan u jixtieq jirrikonoxxih bhala ibnu. Mistoqsi mill-Qorti jekk jafx jekk l-attrici kienitx qieghda tiltaqa` mar-ragel taghha (u cioe` l-intimat), l-attur jirrispondi fin-negattiv u jzid jghid li m'ghandux dubju dwar il-fedelta` tal-attrici.

Illi in vista ta' dak suespost u in vista tad-dikjarazzjoni tal-partijiet waqt is-seduta tas-17 ta' Ottubru 2012, u cioe` li ma hemmx in-necessita` li jigi ezegwit it-test ta' paternita` fuq il-minuri stante li hemm qbil li dan mhux il-wild naturali tal-intimat C B, il-Qorti thoss li fic-cirkustanzi hemm lok ghal bdil fic-certifikat tat-twelid tal-minuri sabiex dan jibda jirrispekkja l-veru paternita` tieghu.

Il-Qorti f'dan l-istadju taghmel referenza ghall-fatt li f'din il-kawza, d-Direttur tar-Registru Pubbliku ma giex kjamat fil-kawza jew kien parti mill-istess u dan stante li l-atturi jargumentaw li dan mhux necessarju ghall-validita` tal-kawza. Huma jargumentaw ukoll li f'kaz li t-talba taghhom tigi milqugha, allura d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun obbligat li jikkorregi u jemenda c-certifikat tat-twelid tal-minuri skond l-istess sentenza minghajr ma jkun involut direttament fl-istess kawza. L-atturi jaghmlu referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Dolores Bartolo vs Simon Bartolo** deciza nhar it-22 ta' Frar 2012 fejn din il-Qorti hekk kif diversament preseduta accettat u laqghat it-talbiet attrici ghal bdil fic-certifikat tat-twelid minghajr ma gie kjamat in kawza jew imsejjah id-Direttur tar-Registru Pubbliku. L-istess haga jista` jinghad ghall-kawza fl-ismijiet **Adelaide Attard vs Joseph Attard** deciza nhar it-8 ta' Mejju 2012 fejn ghal darb' ohra, f'kawza ta' paternita`, id-Direttur tar-Registru Pubbliku ma giex kjamat fil-kawza u ma giex imharrek sabiex jirrispondi ghall-istess. Il-Qorti tirrileva li huwa minnu li hija prassi li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi mharrek f'kawzi ta' paternita` pero` mill-qari tal-ligi jidher li dan mhux necessarju. Ghalhekk, il-kawza odjerna tista` tibqa ghaddejja b'dan illi meta jkun hemm sentenza li tkun ghaddiet *in gudikat* issir l-annotazzjoni necessarja sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat relattiv b'mod formali.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talbiet attrici u konsegwentement:

(1) Tiddikjara li l-minuri X B li twieled nhar it-18 ta' Settembru 2011 mhux il-wild naturali tal-intimat C B imma l-wild naturali ta' E T, *labourer*, bin Joseph u Mary nee` S, mwieled Pieta` u residenti Hamrun bil-karta tal-identita` numru 342288M li twieled nhar il-11 ta' Lulju 1988, bin-nanniet paterni, illum mejta, li jisimhom L u O T nee` M.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------